# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tat-Tlieta 6 ta' Frar 2024**

**Talba nru. 34/2021**

**ECB HOTEL AND CATERING EQUIPMENT LIMITED**
**(C-4729)**

*VERSUS*

**MARK ANTHONY PORTELLI**
**(KI 535880M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fit-3 ta' Frar 2021 (Fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' erbat elef sebgha miha sebgha u tletin Ewro u hdax-il centezmu (Eur 4737.11) rapprezenanti prezz ta' catering equipment lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici. Bl-ispejjez legali inkluz ta' l-ittra ufficcjali u tal-mandati kawtelatorji u bl-interessi.

Ra r-risposta pprezentata fit-2 ta' Marzu 2021 (Fol.7) fejn fiha gie ecceppiet illi l-konvenut mhux il-legitimu kontradittur ghaliex il-legitimu kontradittur tas-socjeta attrici huwa Portem Brew & Leisure Ventures Ltd (C- 80837) li taghha l-eccipjenti huwa direttur u dan kif indikat fl-ittra oppozitorja. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Gie eccepit ukoll illi hemm nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet, u li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut qatt ma ghamel xi ordni ghalih personali u ghaldaqstant mhux debitur fil-konfront tas-socjeta attrici. Bl-Ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Ra n-nota tal-konvenut fejn giet eccepita l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema x-xhieda ta' Mario Cutajar

Ra l-affidavits prezentati.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Ra l-atti processwali.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tal-konvenut filwaqt li d-difensur ta' l-attur irrimetta ruhu ghall-atti.

<u>Provi</u>

Fl-udjenza tad-19 t'Ottubru 2022 xehed rapprezenant tas-socjeta attrici, Mario Cutajar, li ikkonferma illi huwa shareholder u direttur tas-socjeta attrici. Jghid illi l-konvenut gieli ordna xoghol ta' catering equipment minghand socjeta attrici izda ghal xi ragunijiet hemm affarijiet li ma marx ihallasom. Ir-rapprezentant ighid illi meta kienu jcemplu lill-konvenut kien ighidilom li kien se jmur biex ihallas u li ried ftit iktar cans.

Is-sur Cutajar ikompli jghid illi *" . . . . qatt ma ddiljajna ma' kumpanniji jew. . . .jigu jixtru . . ."* (Fol.21B) u li n-negozju sar personali mal-konvenut. Fil-fatt il-konvenut kien mar il-hanut tas-socjeta attrici, ra u ghazel x ried jixtri. Ma kienx hemm bzonn ta' purchase order ghaliex il-konvenut ghazel dak il-hin u saritlu invoice mill-ewwel.

Illi s-socjeta attrici ipprezenta l-invoices a Fol.22 u 23 li jghajjtu lil Portem Brew & Leisure Ventures. Minbarra dan, xehed ukoll Mario Duca permezz ta' affidavit (Fol.25) li jokkupa l-kariga ta' Credit Controller mas-socjeta attrici u li jaf li Mark Anthony Portelli *"ordna xi oggetti ta' catering equipment pero ma hallas xejn minn dak li ordna u gie konsenjat lilu."* Ix-xhud ikkonferma illi l-hlas dovut huwa ta' Eur 4,737.11. Ix-xhud ikompli jghid illi *"jien gieli cempilt l-ufficcju ta' Mark Anthony Portelli u hadd qatt ma kkontesta li ma kellux jaghti flus lis-socjeta ECB. Kienu jghiduli li se jhallasu u biex intihom aktar zmien."*

Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit li jghid illi huwa direttur ta' kumpannija li ggib l-isem Portem Brew and Leisure Ventures Limited u li sussidjarja bl-isem ta' Portem Brew and Leisure Ventures Limited kienet qed taghmel konverzjoni ta' xi propjetajiet ghal zewg ristoranti u akkomodazzjoni turistika ta' tlett stilel. Il-konvenut ighid illi kull meta tkellem mas-socjeta attrici dejjem ghamel hekk fil-kapacita tieghu ta' azzjonist u direttur ta' Portem Investments Limited. Fil-fatt il-konvenut ikkonferma illi l-affarijiet mixtrija minghand is-socjeta attrici kienu ghal Portem Brew and Leisure Ventures Limited u Portem Investments Limited u anke l-fatturi juru dan u qatt ma kienet tezisti relazzjoni kontrattwali personali mieghu.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti 248/2020 li gew allegati ma' dawn l-atti processwali, fejn il-konvenut kien talab lil Onorabbli Qorti tal-Magistrati, r-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1714/2020 stante illi l-konvenut f din il-kawza ma kienx il-bniedem li ghamel in-negozju mas-socjeta attrici izda terzi u cioe Portem Brew & Leisire Ventures Ltd.

Illi fir-risposta taghha, s-socjeta attrici kienet wiegbet billi qalet illi l-konvenut Mark Anthony Portelli kien il-persuna li nneggozja u xtara l-oggetti konsistenti f' catering equipment. Is-socjeta attrici ecceppit ukoll illi l-konvenut ibbaza t-talba tieghu fuq li d-dejn hu dovut mis-socjeta tieghu

u mhux minnu u li dan m ghandux jithalla li jsir ghax jista jwassal ghal abbuz tas-sistema gudizzjarja.

Illi fix-xhiedha moghtija fl-atti tar-revoka tal-mandat, li jiffurmaw parti minn din il-kawza, il-konvenut ighid illi huwa dejjem ipprezenta ruhu bhala rapprezentant tas-socjeta tieghu Portem Brew Leisure Ventures Ltd u li personalment ma ordna xejn.

Min-naha tieghu Mario Duca xehed ukoll fil-proceduri ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju, fejn huwa qal illi d-dettalji li kellhom marbuta ma' dawn l-invoices kienu jghajjtu lill-konvenut. Fil-fatt ighid illi l-oggetti inbieghu lil Mark Anthony Portelli. Mistoqsi ghaliex l-invoices jur l-isem ta' Portem Brew, ix-xhud ighid illi il-contact name ma johrogx fuq l-istatement u min kien fetah il-kont kien ghamel l-isem Portem Brew.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza hija dwar talba tas-socejta attrici ghall-hlas fl-ammont ta' erbat elef sebgha u tletin Ewro u hdax-il centezmu (Eur 4737.11) li l-konvenut qed jigi mitlub ihallas ghal oggetti mixtrija.

Il-konvenut qajjem diversi eccezzjonijiet fosthom illi huwa mhux il-legittimu kontraddittur u li l-azzoni ghal hlas hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal filwaqt illi ha konjizzjoni tax-xhieda ta' l-atti li gew allaccati ma' dan il-process, kif imsemmi iktar'il fuq, ma jistax jibbaza l-kunsiderazzjonijiet tieghu fuq id-digriet moghti fis-26 ta' Jannar 2021, ghaliex l-ezami li sar f'dawn il-proceduri kien biss ta' prima facie. Fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tghid, illi l-ezami jekk il-konvenut hux il-legittimu kontradittur jew le, ghandu jsir fil-mertu.

Illi l-ammonti reklamati mis-socjeta attrici ghal oggetti li innieghu ma gewx kontestati li huma dovuti. Il-kwistjonij hija jekk l-azzjoni hiex preskritta u jekk il-konvenut ghandux iwiegeb hu ghal din l-azzjoni.

Illi minkejja d-diversi eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut, it-Tribunal jinnota illi fis-sottomissjonijet finali, l-konvenut argumenta biss fuq il-preskrizzjoni fejn invoka l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 li jghid hekk: -

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut"*

Illi t-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 2160 tal-Kap.16 li jghid hekk: -

" *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*".

Fil-kaz in ezami l-konvenut ighid illi kellu relazzjoni mas-socjeta attrici fil-kapacita tieghu ta' azzjonist u direttur ta' kumpanniji ohra. Huwa jghid illi a fol.30, "*nikkonferma illi l-apparat ghall-progett fuq imsemmi kien inxtara miz-zewg kumpaniji, u cioe Portem Brew and Leisure Ventures Limited u Portem Investments Limited . . .*" Il-konvenut ghaldaqstant jammetti illi hemm flus li

huma dovuti lis-socjeta attrici u li hu ma kellu x jaqsam xejn personalment izda biss bhala azzjonist. Iktar min hekk, il-konvenut, minkejja illi ressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fl-ebda hin ma ressaq xi prova biex jissostanzzja d-difiza tieghu. Sahansitra, anke fl-argumenti finali, l-konvenut ighid biss, li kellu kull dritt iressaq tali eccezzjoni f'kull stadju tal-proceduri, izda ma jghidx kif u ghaliex l-azzjoni tas-socjeta attrici hija preskritta bi 18-il xahar.

Illi ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi t-Tribunal issa sejjer jghaddi fuq l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur, minkejja illi l-konvenut ma semma xejn fuq din l-eccezzjoni fl-argumenti finali tieghu.

Illi jirrizulta mill-provi illi l-konvenut kien imur u kellu relazzjoni mas-socjeta attrici. Biss huwa jargumenta illi kien imur bhala rapprezentant tas-socjetatjiet fejn huwa azzjoniist fihom. Fil-fatt meta mistoqsi min kien ghamel id-deal ta' l-ordnijiet ta' l-oggetti, il-konvenut wiegeb,

"*Jekk mhux sejjer zball, dak iz-zmien kien hemm impjegat jismu Chris Dalli li kien il-project manager fuq il-progett u kien jahdem mal-kumpannija Portem Brew u ovvjament jiena bhala direttur tal-kumpannija wkoll*." (Fol.24 avviz 248/2020)

Illi filwaqt illi l-konvenut ighid illi huwa m'ghamel l-ebda ordni fuq bazi personali, tul il-proceduri ma gab l-ebda prova dokumentarja sabiex jissostanzja l-argument tieghu illi kien qed jagixxi ghan-nom ta' xi kumpannija. Anzi, fuq ammissjoni tieghu stess, ighid illi hu kien ikun involut fl-ordnijiet ta' l-oggetti.

Illi ghaldaqstant, it-tezi tas-socjeta attrici illi huma dejjem kienu jafu lill-konvenut ghal dawn l-ordnijiet u konsegwentament ghal hlasijiet taghhom ghandha bazi soda fid-dawl tax-xhieda ta' l-istess konvenut.

Illi kemm-il darba l-konvenut, kien qed jagixxi, kif ighid hu, ghan-nom ta' xi kumpannija li taghha huwa direttur jew azzjonist, kien jistenna li jgib prova quddiem dan it-Tribunal ta min ghamel l-ordnijiet u ha r-responabbilta tal-hlasijiet li hu stess kien ghamel.

Illi fid-dawl ta' dan, l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur qed tigi michuda.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta attrici u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat elef sebgha mija sebgha u tletin Ewro u hdax-il centezmu (Eur 4737.11) bl-imghaxijiet ta' 8% li jibdew jiddekkoru mit-3 ta' Frar 2021 u jibqaw hekk ghaddejjin sad-data tal-hlas finali. Spejjez ta' din il-kawza huma a karigu tal-konvenut inkkuz dawk tal-mandat kawtelatorju 1714/2020.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur